Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar |
| | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Skużati | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Resume tas-Sena
5. Attivitajiet tal-Milied
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Proponent il-Kunsilliera Lucia Massa u sekondant il-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk konniex irrapurtajna fuq Valletta Road għax kien hemm il-kurduna maqlugħa u miksura fejn hemm it-traffic island. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja ma Transport Malta. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li kien hemm il-ħajt tal-ġibjun li hemm maġenb l-istess Triq li kellu l-ġebel qed jittiekel biex nirrapurtaw fuqu.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li s-sitwazzjoni tal-indafa fil-lattrina kienet tjiebet. Huwa qal jekk fil-lattrina l-antika nistgħux indaħħlu toilets għall persuni b' diżabilta. Is-Sindku qal li huwa kien se jkellem lill-Perit sabiex issir stima tax-xogħolijiet sabiex din tkun upgraded il-quddiem.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm ir-riflettur ta' quddiem l-istatwa ta' Sant' Andrija ta' Triq il-Karmnu mhux qed jixgħel. Is-Segretarju semma li dan kienu inbidlulu l-bozoz u se jara x' ġara fuqu.

3.3 Il-Viċi Sindku semmiet li fi Triq l-Iskola kien hemm ħofra. Is-Sindku semma li din kienet se titranġa mill-kuntrattur stess li kien qed jaħdem fil-plots ta' wara peress li kien għamilha hu.

3.4 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li kien avviċina s-Sur. James Aquilina u saqsiha fuq il-possibilta li l-Luqa Youth Centre ikun nominat għall Ġieħ Ħal Luqa. Is-Sindku qallha li l-aħjar talba bħall din issir permezz t' email.

3.5 Is-Sindku ressaq email dwar kunċert li kien se jsir b' risq id-Dar tal-Providenza.

3.6 Is-Sindku qara email li kienet tgħid li fl-okkażżjoni ta' dawn il-festi kien se jinfetaħ il-kunvent tal-Agostinjani tal-Belt u nkunu nistgħu norganiżżaw mawra għall dan il-post.

3.7 Minn naħa tal-LESA is-Sindku qara email fuq kampanja li kienet se ssir 'Suq bil-Għaqal', fejn talbu biex jinstabu żewġ żgħażagħ biex jieħdu sehem f' din il-kampanja u jedukaw lill-pubbliku.

3.8 Is-Segretarju ressaq rikjesta li kienet saret mis-Sinjorina Ingrid Borg biex tkun tista iġġeded sitt ijiem vacation leave. Din ir-rikjesta kienet approvatta.

3.9 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk kienx approvatt it-traffic management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li huwa kien se jkollu appuntament mas-Sur. Silvio Scerri fuq il-każ.

3.10 Is-Sindku semma li fil-Family Park ta' Ħal Farruġ is-sistema tad-dawl kienet inkwetanti billi kien hemm wires mikxufa u numru ta lighting pillars miksura. Huwa qal li jeħtieġ li naraw x' inhi l-problema u jekk hemm bżonn jinbidlu billi din għandha ħsarat estensivi. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

## 4.0 RESUME TAS-SENA

4.1 Is-Sindku ta resuma tal-ħidma li kienet saret matul is-sena. Huwa semma li kien inawgurat il-proġett tar-restawr ta Sant' Andrija. Se jsiru tlett toroq bit-tarmac. Din is-sena reġgħet saret mawra għall Sqallija, ingħatat it-titqiba tal-influwenza.

4.2 Fost proġetti oħra li saru kien hemm il-Monument tal-Gwerra u sar proġett ta' dawl ġdid ġol-librerija. Huwa qal li applikajna għall fondi tal-EU biex bihom isir konkos ġo Sqaq il-Karmnu Nru 4. Huwa qal ukoll li se jsir Wifi fi Pjazza Sant' Andrija li jkun aċċessibli għall kulħadd.

4.3 Il-Viċi Sindku qalet li kienu saru revision courses u korsijiet oħra matul din is-sena.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma nistgħux nappellaw lil Gvern Ċentrali biex issir Triq ir-Rixtellu u Triq id-9 t' April peress li kienu se jkunu resurfaced it-toroq skont l-iskema li kien ħareġ il-Gvern. Is-Sindku qal li huwa kien diġa kellem lill-kuntrattur li kien qed jiżvillupa wara l-Iskola biex bħala kumpens jagħti t-tarmac fi Triq l-Aħwa Vassallo u Triq ir-Rixtellu.

4.5 Is-Sindku semma li għalkemm kien hemm ħafna affarijiet li saru kien għad fadal pendenti il-kwistjoni dwar il-bus shelters, għalkemm huwa stess kellu laqgħat m' uffiċċjali tat-transport Malta fuq is-suġġett.

## 5.0 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

5.1 Is-Sindku semma li kif intqal fil-laqgħa preċedenti kienet se ssir ikla ġewwa s-Seabank Hotel. Is-Segretarju saqsa lill-Kunsilliera jekk jistgħux isiru xi arranġamenti dwar bħala restaurant tal-Hotel fejn jistgħu jkunu. Il-Kunsilliera qablu ma dawn l-arranġamenti.

5.2 Is-Sindku semma li kienu se jsiru wkoll drinks għall istaff tal-Kunsill. Huwa semma li minn jattendi għall ikla ma jistax jiġi għad drinks ukoll.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Is-Segretarju ressaq invoice li kienet ta Jeffrey Scicluna u Virtuosi Band relatatti mas-serata tal-inawgurazzjoni tal-Monument tal-Gwerra.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 fis-6.17 pm. Kien hemm proposta biex il-laqgħa li jmiss issir f' nofs Jannar tas-sena li jmiss.

Konfermati llum ______________________2018.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv